MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0071/09
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Miroslav Ouzký u Guido Sacconi f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel
lill-Kummissjoni

Suġġett: Abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), fir-rigward tal-Anness XVII

Il-Kummissjoni Ewropea ressqet lill-Parlament Ewropew l-abbozz tal-Anness XVII tar-Regolament REACH fis-11 ta' Marzu 2009. L-abbozz għandu l-għan li jestendi l-projbizzjoni attwali, fir-rigward tat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-fibri tal-asbestos u ta' prodotti li fihom dawn il-fibri, lill-manifatturi ta' dawn il-fibri u l-prodotti li jkunu fihom il-fibri tal-asbestos. Madankollu, iżomm xi eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-fibri tal-asbestos.

Ladarba l-asbestos huwa responsabbli għal għadd kbir ta' mard marbut mal-espożizzjoni għall-fibri tal-asbestos, azzjoni ulterjuri għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr. Strateġija komprensiva għall-projbizzjoni ta' kull forma ta' asbestos u ta' kull tip ta' użi fir-rigward tal-fibri tal-asbestos, inklużi

– lista Ewropea tal-prodotti eżenti mill-projbizzjoni skont l-Anness VXII, Nru 6.2, tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru .... ta' .... li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) u

– l-implimentazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti ta' esportazzjoni relatati mal-asbestos,

għadha nieqsa.

Il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva dwar ir-rimi kontrollat tal-fibri tal-asbestos u d-dekontaminazzjoni jew ir-rimi ta' tagħmir li jkun fih il-fibri tal-asbestos sabiex jiġu eliminati kompletament.

X'qed tagħmel il-Kummissjoni biex telimina r-riskji li jifdal marbuta mal-użu tal-asbestos?

Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li

– tistabbilixxi strateġija komprensiva għall-projbizzjoni ta' kull forma ta' asbestos u ta' kull tip ta' użu fir-rigward tal-fibri tal-asbestos u

– tressaq proposta leġiżlattiva dwar ir-rimi kontrollat tal-fibri tal-asbestos u d-dekontaminazzjoni jew ir-rimi ta' tagħmir li jkun fih il-fibri tal-asbestos kif għamlet fir-rigward tal-PCB?

Imressqa: 03.04.2009
Mibgħuta: 07.04.2009
Skadenza: 14.04.2009